MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 414/2013

Appell Nru: 414/2013

Il-Pulizija

[Spettur Maurice Curmi]

Vs

Alfred Fenech

Illum, 26 ta' Gunju, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat, Alfred Fenech, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 100755M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Bejn Ottubru 2001 u Dicembru 2003 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda fil-kapacita tieghu personali, approprja ruhu billi dawwar bi

profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi iggib mieghu lobbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ma hallasx lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta' €8353.81 ai termini ta'l-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fis-26 ta' Settembru, 2013, fejn il-Qorti, laqghet l-eccezzjoni sollevata mill-imputat tan-*ne bis in idem* u ghalhekk illiberatu mill-akkuza migjuba filkonfront tieghu.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-11 ta' Ottubru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti, thassar u tirrevoka s-sentenza fejn illiberat lill-appellat u minflok issib htija u tinfliggi piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-1 ta' Ottubru, 2013, l-esponenti rcieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-ligi li timpingi direttament fuq il-mertu tal-kaz odjern.

Illi l-esponent Avukat Generali intavola dan l-appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-esponent jibda bil-premessa illi fil-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-Ewwel Qorti sabiex waslet ghad-decizjoni surriferita kienet zbaljata ferm u bid-dovut rispett dan l-appell qieghed jigi ntavolat sabiex din l-Onorabbli Qorti taghmel revizjoni tas-sentenza hawn fuq imsemmija.

Illi l-esponent ma jaqbilx assolutament mal-konsiderazzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti illi l-eccezzjoni tan-ne bis in idem tissussisti fil-kaz odjern.

Illi meta wiehed janalizza l-kontenut tal-aritkolu 527 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' malta kif ukoll jaghmel analizi approfondita tar-reati li nstab hati taghhom fil-kawza deciza fid-9 ta' Gunju, 2011 u tal-akkuza li ngabet kontrih fil-kaz odjern, jirrizulta illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta ferm meta ikkonkludiet illi *"L-kummissarju tat-Taxxa tal-Valur ma jistax jikseb kundanna b'penali ezorbitatnti ghall-fatt*

*illi t-taxpayer ma jkunx hallas it-taxxa dovuta, imbghad jinsisti li jergghu jittiehdu proceduri kriminali b'letter to prosecute ohra sabiex jikseb piena karcerarja ghar-reat ta' misapproprjazzjoni."*

Illi l-kaz odjern si tratta dwar misapproprjazjoni metri l-kaz l-iehor kien jirrigwarda l-fatt illi l-appellat naqas milli jibghat id-denunzji tal-VAT flimkien mal-hlas relattiv. Illi minkejja li wiehed jisat' jargument illi l-bazi taz-zewg akkuzi huma l-istess, hawnhekk si tratta ta' zewg reati kompletament differenti.

Il-fatti mhumiex l-istess. F'kaz wiehed l-appellat naqas li jibghat id-denunzji relattivi filwaqt li f'dan il-kaz qed jigi akkuzat illi huwa appropja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal-persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ta' radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

Illi huwa principju ben stabbilit illi u anke sancit fil-Kostituzzjoni ta' Malta illi persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor dwar tali reat jew reati ohra li setghet tinstab htija dwarhom fl-ewwel process.

Illi kif diga inghad aktar il-fuq, ir-reati li gie akkuzat bihom l-appellat fiz-zewg kawzi, huma reati ferm differenti tant illi wiehed huwa reat t'ommissjoni u l-iehor huwa reat ta' kommissjoni. Di piu' lanqas huwa argument li jregi dak illi r-reat ta' misapproprjazzjoni setghet tinstab htija dwaru fl-ewwel process u dana ghaliex il-Kummissarju tal-VAT qatt ma setgha kien jaf kemm hu l-ammont li allegatament gie misapproprjat kemm il-darba d-denunzji jkunu ghadhom ma ntbghatux. Fil-kaz odjern id-denunzji intbghatu wara li natabet htija fl-ewwel kawza.

Illi ghaldaqstant u ghar-ragunijiet susesposti, l-Ewwel Qorti ma kelliex tilqa' l-eccezzjoni tan- ne bis in idem.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi l-appellat Alfred Fenech kien originarjament migjub quddiem il-Qorti tal-Magistrati biex iwiegeb ghal akkuzi in konnessjoni ma' nuqqas versu l-Kummissarju tat-Taxxa Dwar il-Valur Mizjud peress illi ma baghatx id-dokumenti jew denunzji ghal diversi snin minn Dicembru elfejn u wiehed (elfejn u wiehed (2001) sa Dicembru elfejn u tlieta (2003) u Marzu elfejn u disgha (2009). Il-Qorti tal-Magistrati b'sentenza tad-disgha (9) ta' Gunju elfejn u hdax (2011) sabitu hati, ikkundannatu ghall-multa ta' seba' mitt ewro (€ 700) u ordnat illi fi zmien tlett (3) xhur id-data tas-sentenza jikkonforma ruhu mal-ligi b'penali ta' hmisatx-il ewro (€15) ghal kull gurnata li matulu jkompli n-nuqqas.

Fil-kawza odjerna l-appellat gie mixli li bejn Ottubru elfejn u wiehed (2001) u Dicembru elfejn u tlieta (2003) approprija ruhu billi dawwar bi profitt ghalih flejjes illi suppost kellhom jithallsu lid-Dipartiment tal-VAT. Kwindi fl-ewwel akkuza quddiem il-Qorti tal-Magistrati gie akkuzat li ma baghatx sitt denunzji flimkien ma' hlas dovut u f'din l-akkuza qieghed jigi mixli bir-reat ta' misapproprjazzjoni ta' dawn l-istess flejjes illi zamm ghalih meta suppost kellu jhallashom lid-dipartiment tal-VAT.

Id-Difiza qajjmet eccezzjoni preliminari ta' "ne bis in idem" u b'sentenza tas-26 ta' Settembru 2013 (fol 53) il-Qorti tal-Magistrati laqghet din l-eccezzjoni u illiberat lill-appellat. L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi d-decizjoni tal-ewwel Qorti kienet hazina peress illi hawnhekk si tratta ta' zewg reati kompletament differenti – wiehed si tratta tad-denunzji tal-VAT taht ligi partikolari u dan il-kaz dwar misapproprjazzjoni taht il-ligi kriminali – u ghalhekk il-fatti ma kinux l-istess. L-Avukat Generali kompla argumenta li f'kaz wiehed l-appellat naqas li jibghat id-denunzji relattivi filwaqt illi f'dan il-kaz qieghed jigi akkuzat illi huwa approprija ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra flejjes illi suppost kellhom imorru ghand il-Kummissarju tal-VAT.

Ikkunsidrat:

Gustament l-ewwel Qorti ghamlet riferenza ghall-artikolu 527 tal-Kap. 9 u l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li t-tnejn jitkellmu dwar dan il-principju li persuna ma tista' tigi misjuba hatja darbtejn ghall-istess reat. Però, b'fattizzi differenti sottili illi jistghu jaghmlu differenza minn kaz ghal kaz. Din il-Qorti ukoll kellha okkazjoni illi tidhol f'din il-kwistjoni fil-kawza "Il-Pulizija versus George Azzopardi" tat-23 ta' Jannar 2014 meta l-appellat kien gie infaccjat b'zewg kawzi nettament distinti u separati minn xulxin, wiehed jirreferi ghal-lottu klandestin u l-iehor jirreferi ghat-tehid ta' droga. F'dak il-kaz il-pulizija l-ewwel bdew jinvestigaw rapporti ta' lottu klandestin u waqt illi kienu qieghdin jaghmlu tfittxija fuq l-appellat sabu ammont ta' droga u ghalhekk l-ewwel ressquh bi ksur tal-ligi ta' zamma ta' lottu pubbliku u mbaghad bi ksur tal-Ordinanza ta' Medicini Perikoluzi.

Il-Qorti ezaminat id-differenzi sottili illi hemm bejn il-Kodici Kriminali u l-Kostituzzjoni ta' Malta. Filwaqt illi l-Kodici Kriminali jitkellem ghall-istess fatt li jkun suggett tal-kawza l-ohra, il-Kostituzzjoni ta' Malta titkellem dwar l-istess reati "li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat ...". Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fuq imsemmija kontra George Azzopardi qalet, "L-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata din id-dicitura hi li persuna ma tistax tingieb il-Qorti twiegeb ghal akkuzi li dwarhom già ghadda in gudikat jekk l-akkuzi godda setghu jigu inkorporati, involuti jew alternattivi ghall-ewwel akkuza." M'hemmx dubbju illi l-akkuzi odjerni huma alternattivi ghall-akkuzi originali li taghhom l-appellat kien digà misjub hati u l-istess provi illi ngabu f'dik il-kawza jistghu jingiebu f'din il-kawza sabiex il-Prosekuzzjoni jkollha success fil-kawza taghha u dana huwa proprju l-argument illi ngab fil-kawza irrapportata mill-ewwel Qorti "Sua Maesta Il Re versus Agatha Mifsud u Carmelo Galea" (15.6.19.18) fejn intqal fost affarijiet ohra "The true test by which the question whether such a plea is a sufficient bar to any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first."

Fl-ewwel kawza l-Prosekuzzjoni gabet il-prova illi l-appellat ma ipprezentax id-denunzji u lanqas il-hlas li suppost kellu jkun maghhom. F'din il-kawza l-Prosekuzzjoni se taghmel l-istess haga bid-differenza li din id-darba qieghed jigi mixli taht ligi differenti, dik taht il-Kap. 9. Jibqa' l-fatt però, li l-provi li se jkunu migjuba f'din il-kawza kienu jkunu bizzejjed sabiex igibu "a legal conviction" fuq l-ewwel kawza, kif fil-fatt ghamlu.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-Avukat Generali m'ghandux ragun fl-argumenti tieghu u l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------